# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU:2695

**Kaz Numru : 3578/DP**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol bejn**

**Alfred Mallia (244060M)**

**u**

**Malta Public Transport Services Ltd**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M.A. Qual. LLB., DIP. L.P.,B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar, 2021**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors mir-rikorrent Alfred Mallia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-31 ta' Lulju 2017, fejn iddikjara illi t-tkeccija minn mas-socjeta' Intimata ma saritx ghal raguni gusta u sufficjenti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Alfred Mallia li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey.

Malta Public Transport Services Ltd li minn issa 'l quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irrapprezentata mill-Avv. Paul Gonzi u l-Avv. Thomas Bugeja

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija ntimata fuq bazi part-time u l-impjieg tieghu gie tterminat fuq bazi ta' dixxiplina fid-19 ta' Mejju 2019 wara li allegatament instab hati ta' diversi akkuzi: li telaq minn fuq il-post tax-xoghol qabel il-hin , li wiegeb il-mobile waqt li kien qed isuq u li tella' nies minghajr ma ccekkja jekk ippancjawx tal-linjacard. Huwa gie akkuzat ukoll li kellem hazin lill-ufficjal impjegat mas-socjeta' ntimata wara li dan gibidlu l-attenzjoni. Min-naha tieghu r-rikorrent qal li kien inghata ordni biex jibda jsuq u rigward l-akkuzi l-ohra qal li kien ircieva telefonata li kellu qarib l-isptar.

Min-naha taghha s-socjeta' ntimata fir-risposta taghha qalet li r-rikorrent fiz-zmien qasir ta' mpjieg li kellu maghha, kellu lista twila ta' kondotta hazina u tmien (8) twissijiet bil-miktub, illi fl-ahhar waslu ghat-terminazzjoni mill-impjieg fosthom: tipjip fuq il-vettura, nuqqasijiet li jsegwi rotot pristabbiliti bl-ghan li jlesti qabel il-hin skedat. Dan kollu, qalet is-socjeta', sar bi ksur tal-Ftehim Kollettiv vigenti, liema ftehim jirregola l-imgieba tal-haddiema.

**Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Roderick Bajada** fil-kariga ta' Human Resources Director qal li r-rikorrent kellu tmien twissijiet bil-miktub. Huwa rrefera ghall-incident ta' qabel il-kaz li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, fejn fis-26 ta' April 2016 ir-rikorrent telaq minn bus stop ghaxar minuti qabel il-hin skedat u din ghas-socjeta' tfisser gross misconduct u ghal daqstant inhargitlu charge letter fuq gross misconduct. Hawn jigi nvolut smiegh quddiem Board ta' Dixxiplina minn Chairperson indipendenti. X'jikkonsisti bhala gross misconduct , kompla x-xhud, huwa elenkat fil-ftehim kollettiv. Ix-xhud spjega kif sakemm waslet il-gurnata tas-smiegh tal-board tad-dixxiplina, l-istess rikorrent rega' kkommetta reat iehor, fejn wiegeb it-telephone cellulari waqt li kien qed isuq il-vettura, kif ukoll halla l-passiggieri jirkbu minghajr ma jivvalidaw Tal-LinjaCard (ma jhallsux) ghall-vjagg., kif ukoll uza kliem dispregjattiv fil-konfront ta' superjur tieghu, meta dan gibidlu l-attenzjoni. Ix-xhud qal li l-board tad-dixxiplina sabu hati. U x-xhud stess flimkien mas-services Director tas-socjeta' ntimata jiehdu decizjoni fuq ir-rizultat tal-

board tad-dixxiplina. Dan wassal ghat-terminazzjoni fid-19 ta' Mejju 2017. Ir-rikorrent appella, izda d-decizjoni baqghet l-istess.

Ix-xhud spjega l-procedura fid-dettal kif isir process dixxiplinarju fis-Socjeta' ntimata u kif jinzammu r-records. Huwa spjega li f'kaz ta' gross misconduct il-unions ma jwiegbux u lanqas l-impjegati ghax ikun se jissejjah smiegh dixxiplinarju. Dan ghall-kuntrarju kif isir meta jkun hemm twissija fuq offiza minuri u jinghata cans jirrispondi, izda f'kaz ta' gross misconduct ma jinghatax cans iwiegeb u dan skond il-Ftehim Kollettiv. Il-verzjoni tieghu tinghata u tinstema waqt is-smiegh tal-board dixxiplinarju. Ghaldaqstant la titalab u l-anqas tigi mistennija xi forma ta' risposta mill-unions bil-miktub ghax ma jkunx hemm. Ix-xhud spjega kif fil-Ftehim Kollettiv hemm imnizzel li wiehed jista' jigi attribwit lilu gross misconduct, proprju ghax ikun ircieva ta' l-anqas twissija wahda bil-miktub b'akkuza ta' gross misconduct, izda f'dan il-kaz inhargulu tnejn. Misconducts ripetuti iwasslu ghall-gross misconduct skond l-istess Ftehim Kollettiv.

Mistoqsi dwar iz-zamma tal-minuti waqt is-smiegh tal-Board tad-Dixxiplina, x-xhud ikkonferma li membru mill-kumpanija stess jiehu noti, f'dan il-kaz kienet Victoria Desira, u jkun hemm prezenti wkoll xi hadd mid-dipartiment ta' fejn jahdem il-persuna li tkun tressqet quddiem il-board, f'dan il-kaz kien Joe Simiana. Huwa spjega kif qabel ma jibda s-smiegh tinqaralu sensiela ta' mistoqsijiet mill-istess Sinjura Desira u kemm iwiegeb iva jew le biex ikun cert li kollox qed jifhem u x'qed jigri. Dawn huma mistoqsijiet standard u fuq in-naha ta' wara jitnizzlu xi noti normalment mill-istess persuna waqt is-smiegh innifsu. L-union ikollha dritt tattendi jekk tkun ix-xewqa tal-impjegat. Wara s-smiegh l-unions ma jirrispondux bil-miktub. Ix-xhud qal li hu personalment jilqa' l-Appelli u jiddeciedi jekk is-sentenza tinbidilx jew le, u ghaldaqstant ma jkunx prezenti personalment waqt is-smiegh tal-board tad-dixxiplina.

Waqt il-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li hu ma jkunx prezenti u li notamenti li tiehu s-sinjura Desira ma jkunx semaghhom hu imma joqghod fuq x'kitbet hi, liema notamenti ma jigu kkomunikati ma hadd izda ma tinstab l-ebda problema li jigu murija lil min jitlobhomlhom. Ix-xhud qal ukoll li l-Appell jirrevedi s-smiegh hu nnifsu mas-Service Director. Huwa kkonferma li hu kien il-persuna li kecca lir-rikorrent u hu stess kien il-persuna li ddecieda l-Appell.

**Joe Simiana** bhala Site Manager fejn ikkonferma d-dokument pprezentat lilu bhala Performance Records. Huwa kkonferma wkoll it-twissijiet li kien inghata u l-incident ahhari li

effettivament meqjus bhala gross misconduct. Ix-xhud qal li hu personalment kien involut fl-incident kien wassal lir-rikorrent ghat-tkeccija, jigifieri l-gurnata li kien fit-terminus tal-Belt u rah iwiegeb il-mobile waqt kien qed isuq. Qal ukoll li ghamillu sinjal biex inehhih u r-rikorrent minn naha tieghu beda jaghmillu mossi u ma nehhihx. Ix-xhud avvicina r-rikorrent u tela' anke fuq il-vettura. Ir-rikorrent sfidah u qallu irrapurtani jekk trid. Ix-xhud qallu li kieku nizzel it-telephone l-affari kienet tieqaf hemm. Imma biex jevita xenata u konfrontazzjoni quddiem il-pubbliku, x-xhud qal li nizel mill-vettura. Ir-rikorrent nizel ukoll u fil-prezenza ta' terza persuna Mario Farrugia, l-Area Manager, r-rikorrent xtara u beda jixrob café u halla n-nies jitilghu fuq il-vettura minghajr ma hu assistihom kif suppost kien qieghed jaghmel , tant li kien hemm min mill-passiggieri li baqa' sejjer f'postu minaghajr ma vvalida l-card u b'hekk jigi li tela' fuq il-vettura minghajr ma hallas. |Ix-xhud qal li wara dan l-incident huwa telaq minn fuq il-post u mar jaghmel ir-rapport. Ix-xhud qal ukoll li hu flimkien ma' Victoria Desira kien prezenti waqt il-proceduri ta' dixxiplina u pprezenta l-kaz lill-Bord ta' Dixxiplina.

**Franco Masini** Ix-xhud qal li skont il-Ftehim Kollettiv jekk il-Union u l-Kumpanija jaqblu fuq persuna biex jigi appuntat Chairperson tal-Bord tad-Dixxiplina, dan sehh. Intaghzel hu u hu sema' l-kaz u u jiddeciedi skont il-gustizzja naturali ibbazat fuq x'sema' u jara hux hati jew le. Minn naha tieghu daqshekk kull ma jaghmel u l-kumpanija tiddeciedi jekk titterminahx jew le. Huwa jiddeciedi skond ic-charge li jaghmlulu. Huwa qal ukoll li kien hemm prezenti l-HR tal-kumpanija li bdiet tiehu xi noti. Huwa spjega li l-Bord tad-dixxiplina kien iffurmat minnu biss.

**Victoria Desira** L-HR tal-Kumpanija qalet li ilha mal-kumpanija seba' snin u parti minn xogholha huwa li tikkordina s-smiegh ta' kazi ta' dixxiplina. Kif jitlaqqa' l-bord hija qalet, li tibda billi tistaqsi xi mistoqsijiet lill-impjegat biex taccerta li qed jifhem x'qed jigri, b'mistoqsijiet bhal jekk ircevih l-invit biex jattendi, jekk hux kuntent bil-process kif se jsir, u hu, minn naha tieghu iwiegeb iva jew le. Ix-xhud spjegat li hi mbaghad tnizzel xi notament li tiehu waqt li jkun ghaddej is-smiegh. Dawn in-notamenti huma ghall-uzu ntern tal-Kumpanija u jitpoggew fil-file ta' l-impjegat. Hija qalet ukoll li fi tmiem il-process dawn in-notamenti ma jinqrawx lill-impjegat u lanqas ma jinghataw lil hadd, izda jibqghu fil-file bhala records tal-kumpanija. Hija qalet ukoll li l-Union qatt ma talbuhomlha biex jaqrawhom lanqas.

**Kenneth Abela** bhala Employment Relations Manager fil-UHM, jiehu hsieb is-sezzjoni Port u Trasport inkluz l-MPT, qal li mhux cert fuq id-dixxiplina ta' dan il-kaz. Qal ukoll li hemm Ftehim Kollettiv li jiskadi fl-2020 u li dan il-kaz huwa rregolat minnu. Huwa spjega kif il-

procedura skont dan il-Ftehim Kollettiv, li jekk impjegat jew xi hadd ghan-nom tieghu jikteb lil HR, lid-direttur tal-HR tal-MPT u d-direttur tal-HR ghandu jerga' jara l-kaz skond artiklu 38.8. huwa qal li ghandu question mark x'qed isir minn naha tal-kumpanija, jekk hux veru qed jergghu jaraw il-kaz ghax kultant ir-risposta tkun ta' malajr, in generali jirrispondu malajr, fi ftit minuti. F'dan il-kaz , qal ix-xhud, kien hemm xi hamest'ijiem qabel ma waslet ir-risposta. Huwa spjega li l-Ftehim Kollettiv jghid li l-impjegat jikteb lid-Direttur tal-HR u d-Direttur tal-HR jinforma lill-impjegat fi zmien hamest'ijiem mill-kitba. Ikkonferma wkoll li fl-appell, il-ftehim ma jesigix li jerga jinstema l-kaz quddiem Chairman iehor.

Ix-xhud qal li l-procedura hija tali li jidhlu mal-impjegat, l-impjegat isirulu xi mistoqsijiet bhal jekk kienx infurmat minn qabel, jekk kellux cans jipprepara etcetera. Wara jinqraw l-akkuzi u wara jaraw xi provi hemm. Normalment jaghmlu r-risposti taghhom u c-chairman jiddeciedi jekk l-impjegat instabx hati jew le. Ix-xhud qal li s'hemm jindahlu fejn jidhol bord ta' dixxiplina.

Huwa qal ukoll li minn naha tal-UHM wara li tasallhom id-decizjoni, ma jergax ikollhom kuntatt, jekk l-impjegat ma jikkuntattjahomx, f'dan il-kaz aktar u aktar ghax huma mpjegati mferrxa fuq il-vetturi tal-linja f'hinijiet diversi. F'kelma wahda, qal ix-xhud, ma ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-membri . F'kaz bhal dan ikun gie bir-risposta l-membru u jhalliha mar-reception u jitlobhom jappellawlu.

**Alan Borg** bhala rapprezentant tal-UHM u li hu nkarigat mit-Taqsima Port u Trasport u Civil. Ix-xhud qal huwa kien il-persuna minn naha tat-Tradeunion li rrisponda ghad-dixxiplina tar-rikorrent. Huwa qal li ma jiftakarx ezatt x'kien irrizulta taht id-dixxiplina. Jiftakar izda li kien anke appellalu. Huwa qal li fl-24 ta' Mejju kien ghamel l-Appell u rrispondietu Victoria Desira minn naha tas-Socjeta' ntimata. Fir-risposta ghall-Appell, gie nfurmat li kienu tterminaw lir-rikorrent. Ix-xhud ikkonferma li hu qatt ma wassal din ir-risposta lir-rikorrent, u qatt ma nfurmah b'din id-decizjoni. Huwa qal ukoll li bhala prassi, jistennew li l-membru li jkun fittixhom ghall-ghajnuna, jerga' jaghmel kuntatt maghhom. Huwa qal lir-rikorrent (il-Membru) qatt ma rega' rah. Rah biss qabel ma tela' l-Bord tad-Dixxiplina, u kien ukoll assistit minn persuni mill-Union stess waqt id-dixxiplina. Ix-xhud ikkonferma wkoll li normalment l-impjegat qatt ma jkun ikkupjat l-anqas meta ntbaghat l-Appell. Ghall-kontro-ezami x-xhud qal ma mhux f'pozizzjoni jirrispondi jekk l-UHM ghamlitx xi rapprezentazzjonijiet mas-Socjeta' dwar rapprezentazzjonijiet jew ilmenti, dwar il-fatt illi l-haddiema ma kienux qeghdin jigu

komunikati bid-decizjonijiet ta' Dixxiplina jew Appell. Huwa nsista li l-ahjar persuna li twiegeb huwa s-Sur Abela, ghax hu nnifsu ma jistax jirrispondi ghal din id-domanda.

**Alfred Mallia** Ir-rikorrent qal li kien ilu tliet snin mas-socjeta'. Qal li kien fuq ir-rotta ta' Birzebbugia li kif tasal il-Belt trid titpogga go bay 13, liema bay kienet ghadha mimlija. Ghaldaqstant ipparkja ghal ftit minuti gol-bay ta' magenbha, numru 12, sakemm titbattal. Ix-xhud qal li kien hawn li cempel fuq il-mobile ghax kellu qarib l-isptar. Hawn gie fuqu Joe Siminiana u qallu li se jirrapurtah. Ix-xhud qallu li ma kienx qed isuq u talab li jaraw il-kamera li tkun installata fuq ix-xufier. Waqt li kien qed jitkellem mas-Sur Simiana, magenb il-vettura, kien qed jiehu t-te u bdew telghin in-nies. Ix-xhud qal li seta' jisma' n-nies jivvalidaw *Tal-Linja Card*, ghax il-magna taghmel hoss. Kien hawn li tela' Mario Farrugia jghidulu l-Moro, li huwa spettur mas-socjeta', li ccekkja l-passiggieri. Ix-xhud staqsieh jekk hux kollox sew , u dan minn naha tieghu qallu li kollox kien kif suppost. Ix-xhud qal li wara li temm il-vjagg li kien imiss u mar l-ufficini, sar jaf li gie sospiz u rrapurtat mis-Sur Simiana. In segwitu ttella' dixxiplina u baqa' jsostni li jingiebu l-filmati tal-kamera u li jittella' Mario Farrugia bhala xhud. Dan, qal ix-xhud baqa' ma sehhx. Ix-xhud qal ukoll li fis-smiegh tad-dixxiplina kien hemm tliet persuni, fosthom Simiana stess. Il-bord tad-dixxiplina fil-fatt kien maghmul minn persuna wahda, s-Sur Masini.

Ix-xhud qal ukoll li l-ittra li tinfurmah li l-Appell kien sar u giet michuda t-talba tieghu ma recevihix u ma jafx/ma jiftakarx jekk ircevithiex l-Union f'ismu, imma hu qatt ma rcieva xejn. Huwa qal li jaf li l-avukat tieghu baghat ittra lis-socjeta' fil-15 ta' Gunju 2017 jitlob ghall-Appell mit-tkeccija, liema tkeccija sar jaf biha b'ittra u mhux bi process ta' dixxiplina. Qal ukoll li din l-ittra giet segwita bi twegiba datata 3 ta' Lulju 2017 fejn gie mgharraf illi l-Appell ga kien sar u d-decizjoni giet konfermata li jigi tterminat.

Qal ukoll li kien ilu jahdem dax-xoghol 35 sena. Ghall-kontro-ezami huwa cahad li nghata twissijiet dwar dan il-kaz u nnega twissijiet ohra li semma' l-avukat tas-socjeta'.

Ix-xhud qal ukoll li hafna gew itterminati bhalu li huma kollha Maltin.

**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Thomas Bugeja** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata semma' kif fir-record sheet tar-rikorrent hemm sensiela ta' nuqqasijiet u twissijiet li jammontaw l' fuq minn tlettax -il twissija. Huwa semma' kif meta jinqala kaz ta' tkeccija, l-ewwel jinhatar bord ta' dixxiplina u l-kumpanija thallas lil dawn in-nies biex joqghodu fuq il-bord ta' dixxiplina. Hu qal li l-kumpanija thallas zewg Chairpersons biex darba fil-gimgha jmorru jisimghu ghaxar, ghoxrin kaz ta' dixxiplina-jigu l-avukati, jigu l-imjegati, jipprezentaw il-kaz, jipprezentaw il-warnings, ikun hemm l-minuti, jigu ffirmati. Dr. Bugeja spjega kif ir-rikorrent permezz tal-Union tieghu ghamel ukoll Appell skont il-Ftehim Kollettiv. Huwa qal li l-Ftehim Kollettiv jghid li impjegat ghandu cans iehor u jista' jappella billi jaghmel rikjest bil-miktub lill-Manager Rizorsi Umani, li f'dan il-kaz huwa Roderick Bajada. Qal ukoll li qatt ma kienet l-intenzjoni li jkun hemm zewg qrati ghax inkella ma jispicca jitkecca hadd qatt jekk ikun il-kaz li jitkecca xi hadd u ghaldaqstant il-procedura tal-Appell hija semplici. Dr. Bugeja qal ukoll li r-risposta tar-rifjut tal-ezodu tal-Appell intbaghtet lill-Union, bl-istess mod kif intalab l-Appell.

**Dr. Ian Spiteri Bailey** ghan-nom tar-rikorrenti, ibbaza l-argument tieghu fuq il-fatt li l-procedura applikat f'dan il-kaz ta' dixxiplina hija monka. Ma kienx se jikkontesta l-ammont ta' twissijiet jew jekk in-nuqqasijiet sehhewx, izda semma' kif qatt ma gie kkomunikat lir-rikorrent li d-decizjoni kienet diga ttiehdet fil-fazi tal-Appell u ghall-fatt li l-persuna li finalment tiddeciedi tilqax l-Appell jew le hija l-istess persuna li ressqet lir-rikorrent quuddiem il-bord tad-dixxiplina. Dr. Spiteri Bailey rrefera wkoll ghall-fatt li l-provi kollha li ressqu n-naha l-ohra jistghu huma rilevanti ghall-kwistjoni sostantiva izda huwa qed jattakka l-procedura applikata. Huwa qal li l-procedura tiddefinixxi l-parametri illi fihom persuna ghandu jagixxi f'kwistjonijiet, f'dal-kaz, ta' dixxiplina. Il-Ftehim Kollettiv innifsu jghid li ghandha tkun ikkomunikata lill-impjegat. Dr. Spiteri Bailey rrefera ghall-istadju ta' Appell li minnu fil-fatt harget l-ahhar decizjoni li kien jinvolvi li jircievu l-email mill-Union li qed jitolbu Appell, u hu stess, min jircevieha, l-Human Resource Manager jiddeciedi jaccettax jew le wara jikkomunika dik id-decizjoni. F'dal-kaz id-decizjoni li suppost giet ikkomunikata lir-rikorrent ma waslitx u ntbaghtet lill-Union biss. Huwa qal li bhal ma avzawh li qed jitterminawh b'ittra postali, hekk kellhom jaghmlu. Il-fatt li r-rikorrent ma rcieva qatt ir-risposta huwa ksur tal-Ftehim Kollettiv.

**Decizjoni**

It-Tribunal kellu jiddeciedi jekk it-talba tar-rikorrent li saret nhar il-31 ta' Lulju, 2017, illi d-decizjoni ta' tkeccija mehuda mill-kumpanija tikkonstitwixxix tkeccija ingusta ai termini ta' l-Artiklu 75 ta' l-Att XXII tat-2002

Tenut kont hames fatti li hargu waqt dan il-process u cjoe::

Li r-rikorrent kien impjegat bhala Service Bus Driver fuq bazi part-time sa mit-13 ta' Frar 2015 u gie tterminat fid-19 ta' Mejju 2017 li matulhom kellu 'l fuq minn tlettax -il twissija;

Li r-rikorrent nstab hati ta' misconduct skond il-Ftehim Kollettiv meta wiegeb il-mobile waqt li kien qed isuq;

Li akkuzi simili saru diversi drabi qabel u hija wkoll infilsata f'kullana ta' nuqasijiet li jammontaw ghal 'il fuq minn tlettax -il twissija u kull darba thalla jkompli b'xoghlu;

Li S-Sur Rodrick Bajada kien il-persuna li ressaq lir-rikorrent ghal passi dixxiplinarji u kien ukoll l-istess persuna li iddecieda jekk l-Appell ghandux jintlaqa' jew le;

Li l-Ftehim Kollettiv jesigi li l-imjegat ghandu jkun mgharraf bid-decizjoni, liema decizjoni ma waslitx ghand ir-rikorrent, izda ntabagtet lill-Union li tirrapprezenta lir-rikorrent;

It-Tribunal irrizultalu li kien hemm diversi ncidenti li wasslu biex is-socjeta' twissi lir-rikorrent. L-ammont ta' numri kwazi ma jitwemminx kif is-socjeta' thalli persuna tidderiegi ruhha minn dan it-tip ta' atteggjament li l-logika tghidlek li l-impjegat jinghata x'jifhem li jista' jkompli b'dawn in-nuqqasijiet. Matul il-provi ssemmghu 'l fuq minn 13-il twissija. It-Tribunal mill-provi migjuba quddiemu wasal ghall-konkluzjoni li kienu sensiela ta' ncidenti li wasslu ghat-termnazzjoni, u mhux necessarjament l-ahhar incident, izda akkumulazzjoni ta' ncidenti simili.

Rigward il-procedura addottata fil-kaz odjern fil-process ta' dixxiplina ezercitata fuq ir-rikorrent, it-Tribunal jinnota wkoll li l-istess persuna li hadet id-decizjoni li ttellghu bord ta' dixxiplina, kienet ukoll l-istess persuna li quddiemha wasal l-Appell li segwa decizjoni ta' htija. L-istess persuna tiddeciedi tilqax l-Appell jew le. L-Appell ma ntlaqax. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal jekk kumpanija se tipprezenta process ta' dixxiplina li se jkun difiza f'kazi ta' terminazzjoni, allura ghandu jkun wiehed rett. It-Tribunal jifhem li l-post tax-xoghol mhux Qorti, imma huwa tal-fehma wkoll li jekk jaghzel, u sew jaghmel, li jibni l-mudell ta' dixxiplina tieghu fuq x'jigi prattikat fil-Qrati ghandu allura jkun leali kemm jista' jkun lejn dis-sistema. Wara kollox qed ikun deciz futur ta' mpjegat li l-process innifsu ghandu jserrah ras il-partijiet kollha. Dan it-Tribunal mhux konvint mis-sistema li addottat is-socjeta' ntimata fejn ipprezentat bhala metodu ta' certezza kif persuna tigi ddixxiplinata, jew/u anke tterminata mill-ahhar stanza, cioe, dik ta' Appell. Jibqa' l-fatt li sakemm hekk hemm maqbul bejn ir-rapprezentanti tal-haddiema/Union u s-socjeta' fil-Ftehim Kollettiv, u dan ma jmurx kontra l-Ligi, allura huwa accettabbli, minkejja li jista' jitjieb.

It-Tribunal jinnota wkoll li s-sistema ta' komunikazzjoni maqbula skond il-Ftehim Kollettiv, jigifieri li l-impjegat (f'dal-kaz ir-rikorrent), ikun mgharraf bid-decizjonijiet li jkunu ghaddejjjin u jkun ukoll involut. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li dan sehh, minkejja li r-rikorrent innifsu personalment ma rcieva xejn, imma kienet l-Union li qed tirrapprezentah li rceviet ir-risposta bl-istess mod kif kienet l-Union li baghtet it-talba tal-Appell hi f'isem ir-rikorrent. Hawn it-Trbunal jinnota li l-Union in kwistjoni naqset li tinforma lir-rikorrent li jigi l-membru taghha u kien fl-interess tieghu li tinfurmah. Dan in-nuqqas izda m'ghandux jintrefa' mis-socjeta'. Tajjeb li t-Tribunal hawn jissuggerixxi wkoll titjib fil-mod ta' komunikazzjoni bejn il-haddiema u min jirrapprezenatahom ghas-serhan tal-mohh tal-partijiet kollha. Izda dan in-nuqqas, l-anqas ma jiskolpa lir-rikorrent li kien fl-interess tieghu ukoll li jsegwi l-kaz u javvicina lill-istess Union biex jara f'liema stadju wasal il-kaz tieghu. Ir-rikorrent kellu kull interess li javvicina lil Union biex isegwi l-kaz tieghu. Barra minn hekk, dan it-Tribunal ifakkar li anke fil-Qrati taghna mhux l-ewwel darba li sentenza tinghata fil-miftuh izda r-rikorrent ma jkunx prezenti.

Ghaldaqstant mehuda c-cirkostanzi fit-total kollha taghhom, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet wahda gusta u skond il-ligi.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**

**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**